MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2012/2004

**Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd.**
**vs**
**Anthony Calleja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm557.72), rapprezentanti oggetti konsenjati lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.**
**Peress illi l-imsemmi ammont baqa' dovut minkejja diversi interpellanzi.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzdik ta' l-ittra ufficjali datata Settembru, 2004.**

**Ra r-risposta pprezentata fit-28 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici :**
**i. Peress illi mhux minnu illi l-konvenut ghandu jaghti l-ammont hemmhekk reklamat kif premess fl-istess avviz.**
**ii. Peress illi qabel xejn l-avviz ghandu jaghti stampa cara ta' x'jirraprezenta l-ammont hemm mitlub u x'inhu l-oggetti allegatament kkonsenjati.**
**iii. Illi oggetti kkonsenjati ma kienux ta' kwalita` pattwita u tajba kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza.**
**B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.**
**Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fit-12 ta' Mejju, 2005, fejn intqal illi l-azzjoni hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Semgha x-xhieda ta' Adrianne Sciberras, Angelo Calleja, Anthony Calleja. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Din il-kawza qed jintalab hlas ghal oggetti konsenjati lill-konvenut. Il-konvenut qed jghid illi l-oggetti ma kienux tal-kwalita pattwita.**
**2. Adrian Sciberras, accountant tas-socjeta attrici, spjegat illi l-ammont kien maqsum fuq prodotti u servizzi u dan skond id-Dok AS1 esebit. Originarjament kienet inbieghet lill-konvenut point of sale system u printer, total ta' Lm2270.00, minn dawn thallsu Lm2,000.00 u kien baqa bilanc ta' Lm270.00. Matul iz-zmien il-konvenut gabar consumables wkoll, u l-ammont tela' ghal Lm383.00. Il-konvenut kien jiffirma l-invoices illi fil-fatt gew esebiti a fol 13 sa 20 tal-process.**
**3. Angelo Calleja iben il-konvenut esebixxa l-invoices u ricevuti minn Dok AC1 sa Dok AC4, hu jghid illi ta' l-ahahr Lm500.00 li hallas ma ghandux ricevuta. Jghid ukoll illi s-software qatt ma kien komplut u kien taghhom hafna problemi.**

**4. Anthony Calleja qal illi l'unika statment li rcieva minn ghand is-socjeta attrici kien fil-11 ta' Mejju, 2004.**
**5. Mil kumpless tal-provi ma jirrizultax dak li qed jghid il-konvenut illi kien hemm id-difett fis-software jew li l-oggetti jew servizzi mghotija ma kienux kif mifthieml. Ma ngibed ebda prova fir-rigward. It-Tribunal, ghaldaqstant qed joqod fuq l-invoices esebiti u fuq l-istatment Dok AS1 mill-liema jirrizulta l-ammont mitlub u dan jinkludi legal charges u imghaxijiet sal-31 ta' Dicembru, 2004.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici, jikkundana lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija sebgha u hamsin lira Maltija tnejn u sebghin centezmu (Lm557.72c) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-10 ta' Jannar, 2005. L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopporati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------